4) Skont liema kriterji għandu jiġi ddeterminat jekk "post ta' mistrieħ" fis-sens tal-Artikolu 12(2)(b) tad-Direttiva 92/43 ġie ddeterjorat jew meqrud?

---

(1) Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102) kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tal-ambjent, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU 2013, L 158, p. 193).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (Spanja) fil-5 ta' Awwissu 2020 – CZ vs Tribunal Económico-Administrativo Regional de Cataluña (TEAR de Cataluña)**

**(Kawża C-366/20)**

(2020/C 359/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Cataluña

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* CZ

*Konvenut:* Tribunal Económico-Administrativo Regional de Cataluña (TEAR de Cataluña)

**Domandi preliminari**

1) Id-dritt tal-Unjoni (jiġifieri l-Artikoli 63 u 65 TFUE u l-prinċipji fundamentali ta' moviment liberu, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni) jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħall-Artikolu 39(2), tal-Ley 35/2006, de 28 de noviembre, del Impuesto sobre la Renta de las Personas Físicas [y de modificación parcial de las leyes de los Impuestos sobre Sociedades, sobre la Renta de no Residentes y sobre el Patrimonio] (il-Liġi 35/2006 tat-28 ta' Novembru 2006 dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi, u li temenda parzjalment il-liġijiet dwar it-taxxi fuq il-kumpanniji, fuq id-dħul ta' persuni mhux residenti u fuq il-patrimonju), kif emendat bl-Artikolu 3(2) tal-Ley 7/2012, de 29 de octubre [, de modificación de la normativa tributaria y presupuestaria y de adecuación de la normativa financiera para la intensificación de las actuaciones en la prevención y lucha contra el fraude] (il-Liġi 7/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar il-modifika tal-leġiżlazzjoni fiskali u baġetarja u dwar l-adattament tal-leġiżlazzjoni finanzjarja fid-dawl tal-intensifikazzjoni tal-azzjonijiet ta' prevenzjoni u ta' ġlieda kontra l-frodi), li, meta l-persuna taxxabbli ma tissodisfax, jew tissodisfa meta jkun skada t-terminu, l-obbligu ta' informazzjoni permezz tal-"formola 720" dwar l-oġġetti, drittijiet u assi li jinsabu jew huma ddepożitati barra mill-pajjiż, tikkwalifikahom "fi kwalunkwe każ", bħala "dħul patrimonjali mhux iġġustifikat", taxabbli skont l-eqdem sena fiskali mhux preskritti, billi jiġu injorati r-regoli ta' preskrizzjoni previsti fil-Ley 58/2003[, de 17 de diciembre,] General Tributaria (il-Liġi Nru° 58/2003, tas-17 ta' Diċembru 2003, dwar il-liġi fiskali ġenerali), sakemm ma jkunx "dħul iddikjarat" jew dħul miksub matul perijodi li matulhom il-persuna taxxabbli ma kinitx suġġetta għat-taxxa fi Spanja?

Fil-każ li r-risposta tkun negattiva minħabba li din ir-regola tiġi kkunsidrata proporzjonata;

2) Id-dritt tal-Unjoni (jiġifieri l-Artikoli 63 u 65 TFUE u l-prinċipji fundamentali ta' moviment liberu, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni) jipprekludi li dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 39(2) tal-Liġi 35/2006 tipprovdi l-konsegwenzi deskritti iktar 'il fuq meta tali dħul jiġi ddikjarat barra mit-terminu, iżda qabel ma tkun infetħet jew ġiet innotifikata kwalunkwe proċedura ta' verifika u mingħajr ma tkun saret ebda talba ta' skambju ta' informazzjoni fiskali, meta tali mekkaniżmu huwa fis-seħħ mal-Istat terz?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari tad-29 ta' Lulju 2020 imressqa mis-Satversmes tiesa (Il-Latvja) — Boriss Cilevičs *et* vs Latvijas Republikas Saeima**

**(Kawża C-391/20)**

(2020/C 359/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Satversmes tiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Boriss Cilevičs, Valērijs Agešins, Vjačeslavs Dombrovskis, Vladimirs Nikonovs, Artūrs Rubiks, Ivans Ribakovs, Nikolajs Kabanovs, Igors Pimenovs, Vitālijs Orlovs, Edgars Kucins, Ivans Klementjevs, Inga Goldberga, Evija Papule, Jānis Krišāns, Jānis Urbanovičs, Ļubova Švecova, Sergejs Dolgopolovs, Andrejs Klementjevs, Regīna Ločmele-Luņova, Ivars Zariņš

*Istituzzjoni li minnha jirriżulta l-att ikkontestat:* Latvijas Republikas Saeima

**Domandi preliminari**

1) Leġiżlazzjoni bħal dik kontenzjuża fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment stabbilita fl-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew, sussidjarjament, għal-libertà ta' provvista ta' servizzi ggarantita fl-Artikolu 56 TFUE, kif ukoll għal-libertà ta' intrapriża rrikonoxxuta fl-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

2) Liema kunsiderazzjonijiet għandhom jittieħdu biex tiġi evalwata n-natura ġustifikata, adegwata u proporzjonata ta' leġiżlazzjoni tali b'rabta mal-għan leġittimu tagħha li lingwa uffiċjali tiġi protetta bħala manifestazzjoni tal-indentità nazzjonali?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fl-20 ta' Awwissu 2020 – SR**

**(Kawża C-397/20)**

(2020/C 359/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* SR

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 12(2)(a) u (d) tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) [1], kif ukoll l-Artikolu 23(2)(g) u (h) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq [2], li ssostitwixxa d-direttiva mit-3 ta' Lulju 2016, moqri fid-dawl tal-premessa 65 ta' dan ir-regolament, ma jimplikawx, b'teħid inkunsiderazzjoni tan-natura moħbija tal-informazzjoni skambjata u tal-fatt li membri tal-pubbliku ġenerali jistgħu jkunu affettwati, il-possibbiltà, għal-leġiżlatur nazzjonali, li jobbliga lill-operaturi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jaħżnu temporanjament iżda b'mod ġeneralizzat id-data ta' konnessjoni sabiex, meta jkun hemm raġunijiet ta' suspett fil-konfront ta' ċerti persuni li dawn huma involuti f'insider dealing jew f'manipulazzjoni tas-suq, l-awtorità amministrattiva msemmija fl-Artikolu 11 tad-direttiva u fl-Artikolu 22 tar-regolament tkun tista' titlob, mingħand l-operatur, ir-rekords eżistenti tad-data dwar it-traffiku fil-każijiet fejn jeżistu raġunijiet ta' suspett li dawn ir-rekords marbuta mas-suġġett tal-investigazzjoni jistgħu jkunu rilevanti għall-produzzjoni ta' prova tar-realtà tal-ksur, billi jippermettu, b'mod partikolari, it-traċċar tal-kuntatti stabbiliti mill-persuni kkonċernati qabel ma qamu s-suspetti?

2) Fil-każ li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja tkun tali li twassal lill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) sabiex tqis li l-leġiżlazzjoni Franċiża dwar il-ħażna tad-data ta' konnessjoni ma hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, jistgħu l-effetti ta' din il-leġiżlazzjoni jinżammu b'mod provviżorju sabiex tiġi evitata inċertezza legali u sabiex ikun possibbli li d-data miġbura u maħżuna preċedentement tintuża għal wieħed mill-għanijiet imsemmija f'din il-leġiżlazzjoni?